V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.11130 – SONAE / BKCF / BKSA / UNIVERSO IME / JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2023/C 280/02)

1. Fit-3 ta' Awwissu 2023, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Sonae SGPS, S.A. ("Sonae", il-Portugall), ikkontrollata minn Efanor Investimentos, SGPS, SE ("Efanor", il-Portugall),

— Bankinter Consumer Finance, E.F.C., S.A. ("BKCF", Spanja), ikkontrollata minn Bankinter S.A. ("BKSA", Spanja),

— Universo IME S.A. ("Universo IME", il-Portugall), ikkontrollata minn Sonae,

— Universo GC - Gestão e Consultoria, S.A. ("Universo GC", il-Portugall), ikkontrollata minn Sonae.

Sonae u BKCF jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' Universo IME. Sonae se tikkontribwixxi lill-Universo GC kollha kemm hi lil Universo IME.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— Sonae hija primarjament attiva fil-bejgħ bl-imnut tal-ikel u mhux tal-ikel fil-Portugall, u għandha wkoll attivitajiet f'setturi li jinkludu l-finanzi u l-assikurazzjoni tal-konsumatur, il-proprjetà immobbli, il-komunikazzjonijiet elettroniċi, u l-IT,

— BKCF hija prinċipalment attiva fil-forniment ta' servizzi bankarji għall-konsumatur fi Spanja u l-Portugall. Toffri wkoll servizzi bankarji korporattivi u ta' investiment, ġestjoni tal-assi, ġestjoni ta' fondi tal-pensjonijiet, servizzi ta' investiment, assikurazzjoni u kards ta' pagament,

— Universo IME hija involuta f'servizzi ta' pagament lill-konsumaturi, intermedjazzjoni tal-kreditu għal self lill-konsumaturi mogħti minn terzi persuni, u servizzi ta' akkwist tan-negozjanti għall-bejjiegħa bl-imnut,

— Universo GC tipprovdi servizzi ta' ġestjoni u kummerċjalizzazzjoni u taġixxi bħala medjatur tal-assikurazzjoni għal varjetà ta' tipi ta' assikurazzjoni, inkluża l-assikurazzjoni tal-protezzjoni tal-kreditu għall-konsumatur.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11130 – SONAE / BKCF / BKSA / UNIVERSO IME / JV

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.